MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tas-17 ta' Frar, 2009

Numru 148/2008

**Il-Pulizija**
**(Spettur Maurice Curmi)**
**vs**

**ANTHONY FOUNTAIN**
**VICTOR FENECH**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni li permezz taghha Anthony Fountain ta' 35 sena bin Joseph u Maria Assunta nee' Pace imwieled Sliema fis-26 ta' April 1972 u joqghod Blokk 3 Flat 2 Balluta Buildings Triq il-Karmelitani San Giljan, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 176872(M) u Victor Fenech ta' 36 sena bin Carmelo u Maria Theresa nee' Muscat imwieled Pieta' fis-19 ta' Jannar 1972 u joqghod

‘Orchidea’ Triq Dun George Fiteni Naxxar, detentur tal-karta ta’ l-identita’ numru 73772(M).

Billi gew akkuzati talli f’Dicembru 2007 u fix-xhur ta’ qabel f’dawn il-Gzejjer, b’mezzi kontra il-ligi jew billi ghamlu uzu ta’ ismijiet foloz jew ta kwalifiki foloz, jew billi nqdew b’qerq iehor, ingann, jew billi urew haga b’ohra sabiex iggieghlu titwemmen l-ezistenza ta’ intraprizi foloz, jew ta’ hila, setgha fuq haddiehor, jew ta’ krediti immaginarji, jew sabiex tqanqlu tama jew biza dwar grajja kimerika, ghamel qligh ta aktar minn minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centerzmu (€2,329.37) ghad-dannu ta’ diversi persuni nkluz in-Nutar Pubbliku Remigio Zammit Pace, ai terminu ta’ l-artikoli 308, 309 u 310 tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Innutat li l-imputati fl-ezami taghhom li sar fis-Seduta tallum, wiegbu li huma hatja tal-akkuza migjuba kontra taghhom.

Il-Qorti wissiet lill-imputati bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni taghhom u taghthom ftit taz-zmien sabiex jiddeciedu jekk jikkonfermawx l-ammissjoni taghhom jew le, u wara li gew mistoqsija jekk jikkonfermawx l-ammissjoni taghhom jew le, l-imputati regghu wiegbu li huma hatja tal-akkuza migjuba kontra taghhom.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li hu konsapevoli li l-imputati hallsu dak kollu dovut lin-Nutar Pubbliku Remigio Zammit Pace.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat fil-konfront taz-zewg imputati l-artikoli 308, 309 u 310(1)(a) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Issib lill-imputati Anthony Fountain u Victor Fenech, fuq ammissjoni, hatja tal-akkuza migjuba kontra taghhom u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi l-fatt li l-imputati ammettew fi stadju bikri tal-kawza, l-fedina penali tal-imputati u li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li hu konsapevoli li l-imputati hallsu dak kollu dovut lin-Nutar Pubbliku Remigio Zammit Pace u wara li rat l-artikoli 28A u 28B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, tikkundanna lill-imputati Anthony Fountain u Victor Fenech ghall-piena ta’ tmintax (18) il-xahar prigunerija kull wiehed u tordna li din is-Sentenza nkwantu ghall-piena ta’ prigunerija ma’ ghandhiex tibda ssehh hlief jekk matul il-perijodu ta’ tlett (3) snin millum l-imputati Anthony Fountain u Victor Fenech jikkommettu reat iehor punibbli bi prigunerija.

Il-Qorti qed taghti lill-imputati Anthony Fountain u Victor Fenech l-ispjegazzjoni preskritta fis-sub-artikolu 28A(4) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti tattira l-attenzjoni tar-Registratur tal-Qrati ghall-obbligu tieghu taht l-artikolu 28A(8) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Finalment il-Qorti tordna, a tenur tal-artikolu 382A (2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, li kopja ta’ din is-Sentenza u l-atti kollha ta’ dan il-procediment jintbaghtu lill-Avukat Generali fiz-zmien moghti mill-Ligi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------